



Brussell, 15 ta' Jannar 2026
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0003(NLE)

5177/26
ADD 1

TRANS 2
COWEB 1
ELARG 3

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Jannar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport rigward ċertu tibdil fir-regoli dwar is-salarji tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 7 annex.

Mehmuż: COM(2026) 7 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.1.2026
COM(2026) 7 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport rigward ċertu tibdil fir-regoli dwar is-salarji tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

ANNES

ABBOZZ TAD-DEĊIŻJONI Nru 2026/...

TAL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI

TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT

ta' ...

li temenda d-Deċiżjoni Nru 2019/3 tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Transport tal-5 ta' Ġunju 2019

IL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Transport, u b'mod partikolari l-Artikolu 24(1) u l-Artikolu 30 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 2019/3 tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Transport. L-iskala tas-salarji li tikkorrispondi għall-klassifikazzjoni tal-pożizzjonijiet fis-Segretarjat hija stabbilita fl-Appendiċi ta' daww ir-Regolamenti tal-Persunal.

(2) Il-punt 9.1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 2019/3 jippreċiża li l-iskala tas-salarji li tikkorrispondi għall-klassifikazzjoni tal-pożizzjonijiet fis-Segretarjat jenħtieġ li tiġi riveduta regolarment mill-Kumitat ta' Tmexxija sabiex jiġi żgurat li tibqa' kompetittiva u konformi mar-rekwiżiti tas-Segretarjat Ġenerali.

(3) L-iskala tas-salarji pprovduta fl-Appendiċi tar-Regolamenti tal-Persunal baqgħet l-istess mill-adozzjoni tagħha f'Ġunju 2019. Għaldaqstant jenħtieġ li s-salarji tal-membri kollha tal-persunal jiżdedu b'20 % fl-1 ta' Jannar 2026. Din iż-żieda jenħtieġ li tiġi riflessa wkoll fit-tabella "Salarji indikattivi ta' kull xahar tal-membri tal-persunal tas-Segretarjat" tal-Appendiċi tal-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 2019/3 tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali. Għaż-żmien wara l-2026, jenħtieġ li jkun hemm indiċjar annwali tas-salarji, li jsir għall-ewwel darba fl-1 ta' Jannar 2027.

(4) Sabiex jiġi żgurat li l-indiċjar annwali tas-salarji jallinja maċ-ċiklu ta' adozzjoni annwali tal-baġit tal-Komunità tat-Transport, huwa xieraq li tiġi prevista l-applikazzjoni retroattiva tad-deċiżjoni prevista mill-1 ta' Jannar 2026,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fit-Taqsima 9.1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 2019/3 tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, jiżdedu l-punti li ġejjin:

“(c) Fl-1 ta’ Jannar 2027 u kull sena wara dik id-data, il-grilja tas-salarji fl-Appendiċi tal-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 2019/3 għandha tiġi aġġustata f’konformità mal-Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (CPI, Consumer Price Index) annwali uffiċjali, kif ippubblikat mill-awtorità statistika rilevanti tar-Repubblika tas-Serbja għas-sena preċedenti. Is-salarji tal-membri kollha tal-persunal għandhom jiġu riveduti awtomatikament bl-użu tal-perċentwal korrispondenti. L-indiċjar annwali tas-salarji għandu jiġi implimentat awtomatikament sakemm ma jiġix determinat mod ieħor mill-Kumitat ta’ Tmexxija abbażi ta’ ċirkostanzi ekonomiċi eċċezzjonali.”

Artikolu 2

L-Appendiċi tal-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 2019/3 tal-Kumitat ta’ Tmexxija Reġjonali huwa sostitwit bis-segwenti:

“Salarji fix-xahar indikattivi tal-membri tal-persunal tas-Segretarjat

Pożizzjoni	Salarju fix-xahar f’euro (min./mass.)
1. Direttur	9 600 – 12 000
2. Viċi Direttur	7 200 – 8 400
3. Kap ta’ Diviżjoni	6 600 – 7 440
4. Esperti (Kordinaturi, Uffiċjali Responsabbli, Uffiċjali)	5 400 – 6 000
5. Assistent	2 400 – 3 000

“

Artikolu 3

Fl-1 ta’ Jannar 2026, is-salarji tal-membri kollha tal-persunal għandhom jiżdiedu b’20 %.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha. Għandha tapplika mill-1 ta’ Jannar 2026.

Magħmul fi [...], fi [...] 2026

Għall-Kumitat ta’ Tmexxija Reġjonali

Il-President